MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-6 ta' Marzu, 2012

Numru. 183/2012

Il-Pulizija
(Sp Spiridione Zammit u Sp Jurgen Vella)
vs
George Xuereb, iben Joseph, imwieled Pieta’ fil-5 ta’ Marzu, 1965, karta ta’ l-Identita numru 142365(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat:
1. talli fit-18 ta’ Frar, 2012 għal ħabta tat-8.00 a.m. u ħinijiet qabel flimkien ma persuna/I oħra f’Raħal Ġdid u f’dawn il-Gżejjer, bil-ħsieb li jagħmel delitt wera’ dan il-ħsieb b’atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt billi prova jisraq minn fond numru 50, Triq Santa Monika, Raħal Ġdid u/jew ppostijiet oħra, liema serq ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta’ tiegħu u li kieku ġie esegwit kien ikun aggravat

bil-mezz, bil-lok u bil-valur li ma jeċċedix €2,329.37 u li kieku sar kien ikun għad-dannu ta’ Margaret Demarco u Maria Violetta Demarco minn Raħal Ġdid u persuni oħra;
2. talli fl-istess data, ħin u ċirkostanzi, bi ħsara tas-sid, detentur jew persuni oħra għamel vjolazzjoni kontra l-propjeta’ ta’ Margaret Demarco u Maria Viokletta Demarco minn Raħal Ġdid u persuni oħra;
3. talli naqas li jħares xi waħda, u/jew iktar minn waħda, mill-kondizzjonjiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja, b’digriet li permezz tiegħu huwa ngħata il-ħelsien mill-arrest taħt diversi kondizzjonijiet, fosthom li ma jikkomettiex delitt ieħor ta’ natura volontarja;
4. talli rrenda ruħu reċidiv skont l-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali wara li ġie misjub ħati permezz ta’ sentenzi mill-Qrati ta’ Malta li saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f’każ ta’ ħtija, flimkien mal-piena applikabbli għar-reati msemmija, tirrervoka ‘contrario imperio’ d-digriet tal-ħelsien mill-arrest datat u tordna l-arrest mill-ġdid ta’ George Xuereb, kif ukoll li tordna li s-somma ta’ depoziti fir-Reġistru ta’ din il-Qorti, oħra bħala garanzija personali, li ġew imposti fuqu sabiex jagħmel tajjeb għall-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest, jgħaddi favur il-Gvern ta’ Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każjiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta’ Marzu, 2012 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu.  Rat l-artikoli 49, 50, 41(1)(a), 261(b)(ċ)(e), 263, 267, 269(g), 278(1)(2), 340(d) u 579(2) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal piena ta’ disa’ xhur priġunerija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------